



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Settembru 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0303(NLE)

12271/21
ADD 1

UK 215
SOC 545
EMPL 397

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Settembru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 593 final
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika dwar l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li temenda il-Ftehim

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 593 final.

Mehmuż: COM(2021) 593 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.9.2021
COM(2021) 593 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Komitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika dwar l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Komitat Konġunt li temenda il-Ftehim

**DEĊIŻJONI NRU .../2021 TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT BIL-FTEHIM
DWAR IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA'
FUQ MILL-UNJONI EWROPEA U MILL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-
ENERĠIJA ATOMIKA**

ta'...

**li temenda l-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta'
Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika**

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika¹ ("il-Ftehim dwar il-ħruġ"), u b'mod partikolari l-Artikolu 164(5)(d) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-punt (d) tal-Artikolu 164(5) tal-Ftehim dwar il-ħruġ jagħti s-setgħa lill-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 164(1) tiegħu ("il-Kumitat Konġunt") li jadotta deċiżjonijiet li jemendaw lil dak il-Ftehim, dment li tali emendi jkunu meħtieġa biex jikkoreġu żbalji, biex jindirizzaw l-ommissjonijiet jew nuqqasijiet oħrajn, jew biex jindirizzaw sitwazzjonijiet li ma kinux previsti meta ġie ffirmat il-Ftehim, u dment li tali deċiżjonijiet ma jemendawx l-elementi essenzjali ta' dak il-Ftehim. Skont l-Artikolu 166(2) tal-Ftehim dwar il-ħruġ, id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt huma vinkolanti għall-Unjoni u għar-Renju Unit. L-Unjoni u r-Renju Unit iridu jimplimentaw it-tali deċiżjonijiet, li jeħtieġ li jkollhom l-istess effett legali tal-Ftehim dwar il-ħruġ.
- (2) Fl-interess taċ-ċertezza legali, jenħtieġ li l-Parti I tal-Anness I tal-Ftehim dwar il-ħruġ tiġi emendata billi jiżdiedu ħames deċiżjonijiet u żewġ rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali li ma kinux elenkati fil-Parti I tal-Anness I tal-Ftehim dwar il-ħruġ u billi jitneħħew żewġ deċiżjonijiet li ġew sostitwiti bid-deċiżjonijiet il-ġodda.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim dwar il-ħruġ għandu jiġi emendat kif ġej:

- (1) Fil-Parti I tal-Anness I tal-Ftehim dwar il-ħruġ, ir-Rakkomandazzjoni Nru A1 tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali dwar il-ħruġ tal-attestazzjoni msemmija fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² għandha tiżdied taħt "Leġiżlazzjoni applikabbli (serje A)";
- (2) Fil-Parti I tal-Anness I tal-Ftehim dwar il-ħruġ, id-Deċiżjoni Nru E6 tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali

¹ [ĠU L 29, 31.1.2020, p.7.](#)

² ĠU C 183, 29/05/2018, p. 5–14

dwar id-determinazzjoni ta' meta messaġġ elettroniku jitqies li legalment wasal fis-sistema tal-Skambju Elettroniku tat-Tagħrif tas-Sigurtà Soċjali (Electronic Exchange of Social Security Information, EESSI)³ għandha tizzied taħt "Skambju Elettroniku tad-Data (serje E)"

- (3) Fil-Parti I tal-Anness I tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, id-Deċiżjoni Nru H9 tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali rigward il-posponiment tal-iskadenzi msemija fl-Artikoli 67 u 70 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif ukoll id-Deċiżjoni Nru S9 minħabba l-Pandemija tal-COVID-19⁴ għandhom jizziedu taħt "Kwistjonijiet orizzontali (serje H)";
- (4) Fil-Parti I tal-Anness I tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, id-Deċiżjoni Nru H10 tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali dwar il-metodi ta' ħidma u l-kompożizzjoni tal-Kummissjoni Teknika għall-Ipproċessar tad-Data tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali⁵ għandha tizzied taħt "Kwistjonijiet Orizzontali (serje H);
- (5) Fil-Parti I tal-Anness I tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, id-Deċiżjoni H11 tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali rigward il-posponiment tal-iskadenzi msemija fl-Artikoli 67 u 70 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 kif ukoll id-Deċiżjoni Nru S9 minħabba l-Pandemija tal-COVID-19⁶ għandhom jizziedu taħt "Kwistjonijiet orizzontali (serje H)";
- (6) Fil-Parti I tal-Anness I tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, ir-Rakkomandazzjoni H2 tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali dwar l-inklużjoni ta' karatteristiċi ta' awtentikazzjoni f'Dokumenti Portabbli maħruġa mill-istituzzjoni ta' Stat Membru u li turi l-pożizzjoni ta' persuna għall-fini tal-applikazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ għandha tizzied taħt "Kwistjonijiet orizzontali (serje H);
- (7) Fil-Parti I tal-Anness I tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, id-Deċiżjoni S11 tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali rigward il-proċeduri ta' rifiżjoni għall-implimentazzjoni tal-Artikoli 35 u 41 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004⁸ għandha tizzied taħt "Mard (serje S)";
- (8) Fil-Parti I tal-Anness I għall-Ftehim dwar il-Ħruġ, għandhom jitneħħew l-atti li ġejjin:
 - (a) Id-Deċiżjoni H8 tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali dwar il-metodi ta' operazzjoni u l-kompożizzjoni tal-Kummissjoni Teknika għall-ipproċessar tad-data tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali, li hija sostitwita bid-Deċiżjoni H10 tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali dwar il-metodi ta' ħidma u l-kompożizzjoni tal-Kummissjoni Teknika għall-Ipproċessar tad-Data tal-

³ ĠU C 355, 4.10.2018, p. 5–7

⁴ ĠU C 259, 7.8.2020, p. 9

⁵ ĠU C 89, 16.3.2021, p. 6-10

⁶ ĠU C 170, 6.5.2021, p. 4-5

⁷ ĠU C 147, 29/04/2019, p. 6-7

⁸ ĠU C 236, 18.6.2021, p. 4-9

Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali;

- (b) Id-Deċiżjoni S9 tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali dwar il-proċeduri ta' rifiżjoni għall-implimentazzjoni tal-Artikoli 35 u 41 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, li hija sostitwita bid-Deċiżjoni S11 tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali li tikkonċerna l-proċeduri ta' rifiżjoni għall-implimentazzjoni tal-Artikoli 35 u 41 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi,

Għall-Kumitat Konġunt

Il-Kopresidenti